**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 25 ta' Mejju, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Jessica Cauchi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Jessica Cauchi detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 437194M

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer ikkometiet serq ta flus kontanti u 'cheques' minn gewwa l-branka ta l-HSBC tal-Mellieha, ghad-detriment ta Una Calleja nhar id-9 ta Settembru 2016 liema serq huwa ikkwalifikat bil-persuna.

Akkuzata ukoll talli fil-15 ta Settembru 2016 u/jew fil-granet ta qabel gewwa dawn il-gzejjer ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, diposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella wara li ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Akkuzata ukoll talli fil-15 ta Settembru 2016 u/jew fil-granet ta qabel gewwa dawn il-gzejjer xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

Akkuzata ukoll talli fil-15 ta Settembru 2016 u/jew fil-granet ta qabel gewwa dawn il-gzejjer, bil-hsieb li b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex igieghel l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hasra ta haddiehor, liema qliegh huwa ta anqas minn 500ewro, uriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghha.

Akkuzata ukoll talli fil-15 ta Settembru 2016 u/jew fil-granet ta qabel gewwa dawn il-gzejjer, bil-hsieb li bi hsara ta haddiehor, ghamlet qliegh

iehor, liema qliegh huwa ta anqas minn 500ewro, b'qerq mhux imsemmi f'artikoli ohra uriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghha.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 t' Ottubru, 2016 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-25 ta' Mejju, 2017 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li hija ghandha fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 268, 281, 183, 184, 41, 308, 310(1)(c), 309 u 17 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b' applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn millum u bil-kundizzjoni li sa zmien sitt xhur millum thallas lil Una Calleja s-somma ta' €100.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**